MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 35

13th April 2015

Minuti tas-seduta Nru. 35 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 13 ta' April 2015 fis-7.15pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillier H. Fenech li permezz ta' imejl datat 13 ta' April 2015 għarraf li kien indispost. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti mingħajr emendi, li sussegwentement ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. *Open air gym* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-ħaddiema tal-Kunsill Malti għall-Isports huma tal-ideja li l-apparat tal-*open air gym* jiżżarma biex ix-xogħol ikun jista' jsir aħjar fil-*workshop* tagħhom. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li ser issir laqgħa ma' l-istess ħaddiema, kif ukoll mas-Sur Anthony Bonello mid-ditta li ssupplixxietu – Opal Ltd – dwar il-metodu kif għandu jiġi trattat il-metal tal-istess apparat.

2.1.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed, filwaqt li qabel illi għandha titwaħħal tabella fuq il-post, fejn min jiffrekwenta l-park jiġi mgħarraf li qed issir manutenzjoni fuq l-apparat, meta jkun iżżarma biex issir il-manutenzjoni meħtieġa.

2.1.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir tabella "*No Bicycles – Except in Skateboard Area*" qrib id-daħla ewlenija minn Triq Ġuże` Flores.

### 2.2.1. Inizjattiva "*Summer on the Move*" (S/4/1/5)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa kkuntattja lill-Kunsill Malti għall-Isports, li l-attivita` li kellhom ippjanata għad-29 ta' Mejju 2015, kienet ser taħbat mal-Mellieħa *International Music Festival*. Għaldaqstant intlaħaq qbil li din tiġi trasferita għal nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju 2015 meta ser tiġi mnedija l-iniżjattiva

"*Summer on the Move*", kif ukoll isir l-għeluq tal-proġett Skolasports għall-istaġun 2014/2015.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Lampi fiż-żoni tal-*boathouses* (E/1/3/Vol IV)

2.3.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-8 ta' April 2015 huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' delegazzjoni mill-Għaqda Sidien tal-*Boathouses* fl-Amier iż-Żgħir, fejn sar magħruf li hemm il-ħtieġa li jitwaħħlu tlettax-il lampa, li ħdax minnhom jistgħu jitwaħħlu fuq arbli li saru ġodda mill-Enemalta, filwaqt li t-tnejn l-oħra fuq arbli li twaħħlu mill-istess għaqda. Huwa qal ukoll li l-għaqda lesta tagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti, filwaqt li l-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni meħtieġa mal-Enemalta.

2.3.3. Is-Segretarju qal li fil-laqgħa msemmija ma' ġewx diskussi d-dettalji dwar kif l-għaqda għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż. Is-Sur C. Debono rrakkomanda li l-għaqda tista' tagħmel arranġamenti direttament mal-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jagħmel l-installazzjonijiet meħtieġa, filwaqt li l-manutenzjoni sussegwentement meħtieġa ssir mill-Kunsill, wara li x-xogħol jiġi ċertifikati mill-*Contracts Manager* tal-Kunsill.

2.3.4. Il-Kunsill qabel mal-proċedura proposta fil-minuta 2.3.3.

### 2.4.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 10.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li għall-ħarġa kulturali li saret fit-23 ta' Marzu 2015 għall-Palazz ta' Verdala fil-Buskett, attendew 60 persuna li bejniethom ġabru €300 li ġew ippreżentati lill-President ta' Malta l-Eċċ. Tagħha Marie Louise Coleiro b'riżq il-*Community Chest Fund*. Hija qalet ukoll li l-President ġiet ippreżentata ikona tal-Madonna tal-Mellieħa.

2.4.3. L-istess kunsilliera rreferiet ukoll għall-minuta 10.3. dwar il-ħarġa ta' wara li kellha ssir f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fejn il-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral, flimkien mal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Xlokk, ser ittellgħu l-MeDIETerranea Food Festival fis-17 u t-18 ta' April 2015. Is-Sinjura A. Brincat Stellini qalet li din l-attivita` ġiet posposta mill-organizzaturi. Minflokha hija pproponiet li ssir żjara fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u l-mużew f'Ħaż-Żabbar. Hija qalet li l-prezz ikun ta' €7.50.

2.4.4. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa fil-minuta 2.4.3.

### 2.5.1. Kundizzjonijiet applikabbli għall-Kunsill dwar l-użu tas-Sala tal-Komunita` (S/3/7/Vol IV)

2.5.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 2.2.1. dwar ir-rati applikabbli għall-użu tas-Sala tal-Komunita, filwaqt li aċċenna wkoll għat-titjib fl-istess sala, li hemm fondi vvutati għaliħ fl-estimi tal-Kunsill. Huwa kkummenta li l-Kunsill m'għandux ikompli jikkontribwixxi għall-attrezzar tas-sala billi jemmen li r-rati li ġew introdotti huma projbittivi.

2.5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa rċieva kummenti li r-rati l-ġodda huma huma għoljin wisq. Kompla jgħid li meta saru l-kalkoli biex jittellgħu attivitajiet bħalma huma l-pantomima tal-Milied huwa stimat li din tkun tirrikjedi spiża ta' €400 kull rappreżentazzjoni. Huwa qal li kemm-il darba l-affarijiet jibqgħu kif inhuma, jista' ikun li attivitajiet bħalma hija l-pantomima ma jibqgħux isiru.

2.5.4. Is-Sindku qal l-kundizzjonijiet il-ġodda dwar l-użu tas-sala m'għandhomx jintrabtu mal-inpenn li dejjem kellu l-Kunsill biex itejjeb dan il-post għall-benefiċċju tal-komunita` Melleħija. Kompla jgħid li ironikament, wħud mil-membri tal-Kunsill Skolastiku huma msieħba fl-għaqdiet tal-lokalita` u għalhekk kellhom jagħmlu pressjoni biex ir-rati jinżammu raġġjonevoli. Sfortunatament l-unika oppożizzjoni ġiet min-naħa tal-Kunsill Lokali u minn imkien iktar. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-persuni awtorizzati biex jipprovdu s-servizz ser ikunu strettament limitati għall-inkarigi mogħtija lilhom u mhux ser ikunu flessibbli li jagħmlu xogħlijiet oħra li jinqalgħu b'rabta mal-attivitajiet li jiġu organizzati. Dan l-aspett ser joħloq problema oħra għal min jagħmel użu minn dawn il-faċilitajiet.

2.5.5. Is-Segretarju C. Debono qal li mill-kuntatti li kien hemm mal-President tal-Kunsill Skolastiku l-Kap tal-Iskola, jidher li kien hemm problema biex jinstabu persuni minn fost l-impjegati biex jagħtu s-servizzi meħtieġa u forsi kien għalhekk li dawn ġew awmentati biex iħajjruhom aktar. Kemm-il darba l-liġi tippermetti, l-awtoritajiet tal-iskola, jew id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni tista' tikkonsidra *outsourcing* tas-servizz permezz ta' sejħa għall-offerti.

2.5.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mill-ġdid bil-kitba mal-President tal-Kunsill Skolastiku sabiex jikkonsidra r-reviżjoni tal-kundizzjonijiet fid-dawl tal-preokkupazzjoni li dawn esprimew, fis-sens li ċerti attivitajiet ma jibgħux isiru fis-Sala tal-Komunita`.

### 2.6.1. Attivita` "It-Tliet Marijiet" f'Selmun (A/5/3/6/Vol IV)

2.6.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għal minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti, dwar l-attivita` li organizzat fl-irżieżet ta' Selmun mill-Fondazzjoni Arkeo marbuta mat-tema tal-Passjoni u l-Għid. Hija qalet li r-rispons għall-attivita` imsemmija kien wieħed inkoraġġanti u fil-fatt huwa kkalkulat li attendew 90 ruħ.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 09/04/15
- Skeda ta' Pagamenti – 13/03/15 – 09/04/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Taxi Stands* fil-lokalita` (T/3/2/Vol XII)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Marzu 2015, fejn Transport Malta talbu għall-opinjoni tal-Kunsill dwar talba biex isiru żewġ *taxi stands* fil-postijiet segwenti:

- Tnejn fi Triq Adenau biswit l-*un/loading bay* tal-Maritim Antonin Hotel & Spa; u
- Tnejn fil-parkeġġ qabel li hemm fid-daħla tar-Radisson Golden Sands Hotel f'Għajn Tuffieħa.

4.1.3. Is-Segretarju fakkar li f'Novembru 2012 kien hemm talba simili fir-rigward tal-Maritim Hotel, li l-Kunsill ma kienx qabel magħha peress illi kien ser jitnaqqas l-ispazju għall-ipparkjar mill-pubbliku in ġenerali.

4.1.4. Il-Kunsill qabel li għandu jtenni l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' Triq Adenau, anke fid-dawl tal-fatt li jeżistu tliet *public service garages* ftit passi bogħod.

4.1.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li minhabba li kien ikkuppjat fil-korrispondenza, hu kien diga baghat risposta li tirrifletti dan.

4.1.6. Dwar it-*taxi stands* proposti f'Għajn Tuffieħa, il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru fi tnejn mill-*parking bays* li hemm faċċata tal-area riżervata għall-karozzi tal-linja, qrib id-daħla għall-kumpless tal-Assoċjazzjoni tal-i*Scouts*.

### 4.2.1. Ħarsien lill-annimali (A/9)

4.2.2. Inqara imejl datat 6 ta' Marzu 2015, mibgħut mill-Animal Guardians Malta, li hija nvoluta f'kampanja biex titjieb is-sitwazzjoni tal-qtates fit-toroq. L-istess organizzazzjoni qed tipproponi lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna li jista' jgħina fil-ħidma fil-lokalita`.

4.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li jaħtar lill-Kunsillier D. Vella bħala rappreżentant.

### 4.3.1. Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar Mekkanizzat (S/6/Vol IV)

4.3.2. Inqara imejl datat 31 ta' Marzu 2015, mibgħut mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina Mellieħa, fejn għarfet lill-Kunsill illi ser tipparteċipa fil-kompetizzjoni msemmija, li qed tiġi

organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Floriana fit-18 ta' April 2015. L-istess għaqda appellat lill-Kunsill sabiex jappoġġjaha bil-għan li tkun tista' tieħu sehem f'din il-kompetizzjoni f'isem il-lokalita`.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jappoġġja din il-parteċipazzjoni sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbiżx €300.

## 4.4.1. Ipparkjar qrib Xuereb VRT Garage fi Triq in-Naħal (T/3/2/Vol XII)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Frar 2015, mibgħut lill-Transport Malta mill-operatur tal-garaxx imsemmi sabiex il-linji eżistenti fuq kull naħa tal-garaxx f'Nru. 30, jitwalu għal żewġ metri fuq kull naħat bil-għan li jiffaċilta` id-dħul u ħruġ ta' vetturi kummerċjali.

4.4.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li fl-istess triq jistgħu jsiru *parking bays* sabiex l-ispażju eżistenti jiġi wżat aħjar.

4.4.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi evalwat l-effett li jkollhom il-*parking bays*, qabel tittieħed deċiżjoni finali.

## 4.5.1. Attivita` mill-Mellieħa *Supporters Club* (S/6/Vol IV)(A/6/3/2/Vol 52)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 10 ta' April 2015 mibgħuta mill-għaqda msemmija, fejn talbu permess sabiex fit-3 ta' Mejju 2015 tingħalaq Triq Qasam Barrani u Triq Vincenzo Ciappara. Talbu wkoll sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-istess attivita`.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li jingħalqu Triq Vincenzo Ciappara, bejn Triq Napuljun Caruana Dingli u Triq Qasam Barrani u Triq Qasam Barrani, bejn Triq il-Mithna l-Ġdida u Triq l-Assedju l-Kbir. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jipprovdi Gwardjan Lokali li joqgħod fi Triq Qasam Barrani, kantuniera ma' Triq l-Assedju l-Kbir, bejn it-8.00am u 3.00pm, flimkien ma' nefqa addizzjonali li ma taqbiżx €100.

## 4.6.1. Penalty *shootout* (S/6/Vol IV)

4.6.2. Saret referenza għal ittra datata 23 ta' Marzu 2015, mibgħuta mill-Mellieħa *Sports Club Football Nursery* fejn talbu lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-attivita` imsemmija li ser isseħħ fid-19 ta' April 2015.

4.6.3. Il-Kunsill qal li jieħu sehem sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €300.

## 4.7.1. Kors – Għaqal fid-Dar, Ħajja Aħjar (E/3/2/Vol II)

4.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għal imejl datat 16 ta' April 2015 mibgħut mill-*Home Economics in Action*, li flimkien mal-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta` Soċjali qed torganizza il-korsijiet imsemmija. L-għan ta' dan il-kors huwa li jgħin lill-parteċipanti jiksbu tagħrif, attitudnijiet u ħiliet sabiex jagħżlu stil ta' ħajja li tgħinhom biex jimxu 'l quddiem. Il-kors jiffoka fuq kif jużaw ir-riżorsi tagħhom u oħrajn li jistgħu jaċċessaw b'mod għaqli. Dan jgħinhom biex ikunu iktar responsabbli bħala ċittadini, bħala ħaddiema u bħala konsumaturi u biex iħossu li għandhom il-kapaċità li jieħdu azzjoni sabiex jgħinu lilhom infushom, lill-membri tal-familja u lill-kommunità biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom. Hija qalet li dan il-kors jista' isir fis-Sala tal-Kunsill nhar ta' Erbgħa fl-4.00pm.

4.7.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

## 4.8.1. Proġett LEAP! (A/8/3)

4.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 13 ta' April 2015 mibgħut mill-Ċentru tal-LEAP tal-Qawra, fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex jieħdu sehem fil-*Welcome Spring Festival* li ser isir fis-17 ta' Mejju 2015 fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. L-iskop ta' din l-attivita` huwa li tingħata opportunita` lill-imsieħba fil-proġett LEAP sabiex jippromwovu l-attivitajiet li diġa jorganizzaw jew li għandhom ippjanati fir-Reġjun tat-Tramuntana.

4.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.9.1. Pubblikazzjoni ta' ktieb dwar it-Tunnara (P/4/5/2)**

4.9.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarfet li tkompla x-xogħol fuq il-ktieb imsemmi, prinċipalment bir-riċerka li qed issir min-naħa tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda t-twaqqif tal-Mużew tat-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme. Hija qalet ukoll li qed jittieħdu ritratti tal-postijiet li huma assoċjati mat-tunnara.

4.9.3. Is-Sinjura Stellini qalet li l-awtur – David Muscat – qed jitlob li jingħata 10% tan-numru ta' kotba li jiġu stampati.

4.9.4. Il-Kunsill approva din it-talba.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 9 ta' April 2015.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda tal-pagamenti li tkopri bejn it-13 ta' Marzu u d-9 ta' April 2015.

6.3. Il-Kunsillier E. Bartolo talab li jastjeni mid-deċiżjoni dwar dan is-suġġett minħabba parentela li għandu mal-fornitur illi qed jitlob il-pagament 021-03-15.

6.4. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn id-29 ta' Jannar u t-18 ta' Marzu 2015.

6.5. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għaldaqstant kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Tħejjijiet għall-Festival Internazzjonali tal-Mużika (A/5/3/4)**

7.2. Il-Viċi Sindku fakkar li l-avveniment imsemmi huwa ppjanat għad-29, 30 u 31 ta' Mejju 2015. Il-programm ser jiżvolgi f'Misraħ il-Parroċċa u huwa qassmu kif ġej:

| | |
|---|---|
| 29 ta' Mejju | Għaqda Mużikali Imperial<br>Doncaster Concert Band |
| 30 ta' Mejju | Għaqda Mużikali Imperial<br>Societa` Filarmonica La Vittoria<br>1st Hamrun Scout Group Duke of Argyll's Own<br>Jam Band |
| 31 ta' Mejju | Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina<br>Wallace Pipe and Drums |

7.3. Is-Sur C. Bartolo ppropona li l-*budget* ikun kif jidher hawn taħt:

**Spiża**

| | |
|---|---|
| Wallace Pipe and Drums Band | € 250.00 |
| 1st Hamrun Scout Group Duke of Argyll's Own | € 250.00 |
| Audio, dwal u palk | €3,300.00 |
| Artwork | € 826.00 |
| Stampar ta' fuljetti (50,000 kopja) | €2,000.00 |
| Tqassim tal-fuljetti | €1,000.00 |

| | |
|---|---|
| Stqarrijiet għall-istampa | € 350.00 |
| Permessi u avviżi ghall-għeluq tal-pjazza | € 250.00 |
| Logħob tan-Nar | €1,000.00 |
| Kiri ta' siġġijiet | € 300.00 |
| | €9,526.00 |

L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tal-iSbandieratori Taljani għadhom mhux magħrufa.

7.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-vot 3370 tal-estimi għal din l-attivita` jammonta għall-€11,000 u appella sabiex dan ma jinqabiżx.

7.5. Il-Kunsill approva l-*budget* u l-kontenut tal-programm.

## 8.1. Kriterji dwar l-għoti ta' onorefiċenzi (A/5/3/1/Vol XIV)

8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ippropona li fl-edizzjoni li jmiss ta' Jum il-Kunsill għandu jittellgħa *feature* dwar il-merti li fuqhom ngħataw l-onorefiċenzi mis-sena 2000, kif evolvew il-kriterji u x'tibdil li sar fihom matul iż-żmien sal--edizzjoni 2015. Huwa qal li dan m'għandux ikun iktar twil minn għaxar minuti.

8.3. Is-Sur Bartolo kompla li bit-twaqqif tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni, ser jiġi ntrodott għall-ewwel darba l-element barra mill-Kunsill sabiex il-pubbliku jkollu sehem mhux biss fin-nomini li jsiru, iżda anke sa ċertu punt fl-għażla tal-istess nomini. Huwa rrefera għall-abbozz tal-kriterji mehmuża mal-minuti tal-Kumitat tat-3 ta' Marzu 2015 u qal li l-kriterju 1.3 għandu jistabilixxi li l-Bord ta' Rakkomandazzjoni għandu jkun maħtur mill-Kunsill u għalhekk għandu jinqara hekk:

*"L-onorefiċenzi jingħataw mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, li aktar 'il quddiem imsejjaħ "Il-Kunsill", wara rakkomandazzjoni mill-Bord ta' 'Rakkomandazzjoni. Il-Bord ta' Rakkomandazzjoni jinħatar mill-Kunsill u jkun kompost minn Chairman indipendenti, is-Sindku u Kunsillier mill-grupp politiku minoritarju, u żewġ membri mill-pubbliku ġenerali, li waħda minnhom tkun femminili, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ta' l-istess Kunsill, li jkollu l-funzjoni illi jirreġistra l-minuti waqt il-laqgħat li jsiru. 'Persuna' tinkludi individwi, għaqdiet, soċjetajiet kummerċjali, fondazzjonijiet, korpi kostitwiti u m'humiex.".*

8.4. Il-Viċi Sindku kkummenta li l-kriterju 1.10 mehmuż mal-minuti tal-Kumitat imsemmija aktar 'il fuq u qal li din mhux eżattament dak li ġie maqbul, fis-sens id-deċiżjoni dwar l-għoti tal-unuri titqies bħala unanima sakemm il-*quorum* ma jinżilx inqas minn 80% tal-kunsillieri.

8.5. Il-Kunsillier E. Bartolo, flimkien mas-Sindku kienu tal-opinjoni li qatt ma kien hemm problemi dwar l-attendenza waqt seduti li ttrattaw l-għoti ta' onorefiċenzi u għalhekk ma jarawx il-ħtieġa li jinżel il-*quorum*. Il-Kunsill iddeċieda li l-kriterju 1.10 għandu jinqara kif ġej:

*"Id-deċiżjoni għall-għoti ta' l-onorefiċenzi meħuda mill-Bord tal-Ġurija tittieħed mill-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni mgħoddija b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, waqt seduta normali.".*

8.6. Il-Kunsill qabel li l-kriterju 1.4 għandu jinqara hekk:

*"Dan il-Bord ta' Rakkomondazzjoni jevalwa u jifli in-nominazzjonijiet kollha u fi żmien għaxart ijiem minn meta jagħlqu n-nominazzjonijiet iressaq quddiem il-Kunsill, bħala l-Bord tal-Ġurija, rapport bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Il-Bord jista' jirrakkomanda numru ta' nominazzjonijiet għola minn numru ta' onorefiċenzi li jista' jistabilixxi l-Kunsill minn żmien għal żmien.".*

8.7. Kien hemm qbil li l-kriterju 2.8 jinqara hekk:

*"Kemm il-persuna, l-għaqdiet u l-grupp ta' individwi jridu jkunu mil-lokalita' tal-Mellieħa, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni għal nominazzjonijiet ta' individwi jew għaqdiet barranin li m'humiex mill-Mellieħa jew residenti Malta, li taw kontribut f'xi qasam partikulari li għolla l-isem tal-lokalita`.".*

8.8. Il-kriterju 2.11 inbidel biex jinqara kif ġej:

*"Kull minn ressaq xi nomina f'xi edizzjoni preċedenti għas-seba' snin ta' qabel għandu jiġi mistoqsi dwar jekk jixtieqx iġedded l-istess nomina jew le. Għaldaqstant, dawn il-persuni għandhom jiġu mitluba bil-kitba sabiex jindikaw l-intenzjoni tagħhom bil-għan li jiġi determinat jekk nomina tinżammx, jew taqa'.".*

8.9. Peress li t-terminu tal-Kunsilli Lokali twal minn tliet snin għal ħamsa, il-Kunsill iddeċieda li l-kriterju 3.7 ġie mibdul biex jinqara hekk:

*"Kunsilliera li servew għal terminu wieħed, jingħataw l-onorefiċenza "Rikonoxximent il-Mellieħa, filwaqt min serva għal żewġ mandati jingħata "Ġieħ il-Mellieħa.".*

8.10. Il-Kunsill qabel li għandu jidħol kriterju ġdid numru 3.11 li jinqara kif ġej:

*"Onorefiċenza tista' tiġi rtirata f'każ li persuna tiġi misjuba ħatja ta' offiża kriminali ta' ċertu gravita`."*

8.11. Kien hemm qbil li l-kriterji kif ġew emendati għandhom jitqassmu għall-aħħar ta' Mejju 2015, filwaqt li d-data tal-għeluq tan-nomini għandha tkun it-30 ta' Ġunju 2015.

## 9.1. Prijoritizzazzjoni ta' proġetti kapitali u ftehim dwar l-iskedar tal-ispejjeż relattivi (F/1/26)

9.2. Is-Sindku rrefera għall-Estimi 2015 u l-Pjan ta' Ħidma 2015-2017 u qal li kien hemm evalwazzjoni mill-ġdid tagħhom f'dak li jirrigwarda proġetti kapitali. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan it-tibdil fil-*policy* kien prinċipalment xprunat bil-pressjoni li qed issir dwar ir-*resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin u Triq il-Kaħli, Triq il-Klamari, Triq it-Tunnaġġ u Triq it-Tumbrell fiż-żona tal-Sellum. Magħhom hemm ukoll it-tkomplija tal-iskemi dwar dwal ġodda fin-naħa t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna, Triq il-Qasab u x-Xatt Ta' Santa Marija. Dawn it-tliet proġetti waħedhom jinvolvu spiża €534,800 u għalhekk huwa importanti l-ħlasijiet relattivi jiġu programmati fuq perjodu ta' sena u nofs sa Diċembru 2016. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li fit-18 ta' Marzu 2015 l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ntalab jintervjeni mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex tingħata għajnuna finanzjarja lill-Kunsill bil-għan li tittaffa l-ispiża nvoluta fir-*resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin.

9.3. Is-Sur J. Buttigieg reġgħa ntervjena biex jipproponi ħalli flimkien mal-proġetti relattivament kbar imsemmija fil-minuta 9.1 ikun hemm proġetti iżgħar li diġa nbdew jew tlestew. Magħhom hemm ukoll il-*culverts* ta' Triq Għajn Żejtuna. L-ispejjeż li dawn jinvolvu huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Dwal madwar il-Knisja tal-Manikata (kommess) | €31,500 |
| Titjib tal-*Playing Field* fi Triq l-Erwieħ (kommess) | €8,000 |
| Restawr tal-Għajn tal-Mellieħa (kommess) | €30,000 |
| Titjib ta' Misraħ il-Parroċċa - Mellieħa | €20,000 |
| *Culverts* fi Triq Għajn Żejtuna | €17,000 |

9.4. Is-Segretarju spjega li għaddejjin kuntatti mal-kuntratturi nvoluti – Central Asphalt Ltd u The Lighthouse Keepers – biex il-pagamenti relattivi jsiru gradwalment u jintemmu sa Diċembru 2016. Is-Sur C. Debono qal li l-proposti mressqa min-naħa tiegħu dwar dan jidher li ser jintlaqgħu u jsir ftehim li jiġi ffirmat miż-żewġ naħat. Is-Sur C. Debono kompla jispjega li biex il-proġetti msemmija fil-minuti 9.2 u 9.3 ikunu jistgħu jingħataw priorita` jeħtieġ li jiġi pospost l-implementazzjoni tal-proġetti segwenti:

| | |
|---|---|
| Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni | €90,000 |
| Tisbiħ tat-taraġ fi Triq il-Mitħna l-Qadima/Triq San Anna | €60,000 |
| Tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata | €25,000 |

| | |
|---|---|
| Restawr tat-Torri l-Abjad | €5,000 |
| Ġnien Pubbliku bejn Triq l-Etna u Triq l-Għasel | €50,000 |
| **Total li ser jiġi wtilizzat għall-implimentazzjoni tal-proġetti prijoritizzati** | **€230,000** |

9.5. Dwar it-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa, is-Sindku spjega li f'dan l-istadju, dan essenzjalment jinvolvi r-restawr jew il-bdil taż-żewġ lanterni li hemm fuq iż-żuntier tal-knisja parrokkjali.

9.6. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni mressqa, filwaqt li dwar il-proposta nkluża fil-minuta 9.5, kien hemm qbil li għandu jittieħed parir tekniku ta' inġinier.

## 10.1. Bankina fi Triq ix-Xagħra ta' Barra k/m Triq il-Kbira (P/4/20/Vol IV)

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li qed isirulu talbiet persistent sabiex jikber l-ispażju bejn il-*build-outs* fil-bankini li hemm fuq iż-żewġ naħat ta' Triq ix-Xagħra ta' Barra, bil-għan li jkunu jistgħu jgħaddu żewġ vetturi f'daqqa u hekk jiġi evitat li tinħoloq konġestjoni fi Triq il-Kbira.

10.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tinkiseb l-opinjoni tal-*Contracts Manager*, fid-dawl tal-fatt li fuq in-naħa ta' Triq ix-Xagħra ta' Barra, il-*build-outs* fil-bankina jesporġu 'l barra eżatt daqs il-wisa' ta' vettura bil-għan li jippermettu l-ipparkjar fuq iż-żewġ naħat. Ġie osservat ukoll li jeżistu *soft areas* fuq iż-żewġ naħat.

## 11.1. Attivita` fil-parkeġġ bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida (A/6/3/2/Vol 47)

11.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat mill-Kap tal-Iskola Primarja dwar attivita` li hija ppjanata għas-26 u s-27 ta' April 2015 b'riżq il-Fond Puttinu Cares fil-post imsemmi. Huwa qal li din ser tikkonsisti f'*car wash*.

11.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni li jingħalaq il-parkeġġ.

## 12.1. Reviżjoni tal-*Bye-Laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ (B/5/Vol IV)

12.2. Is-Sindku għarraf li sar kuntatt mal-Avukat Joe Mifsud sabiex titkompla r-reviżjoni tal-*Bye-Laws* KLBL37/2/2009. Is-Sur J. Buttigieg qal li meta jkun hemm abbozz rivedut, l-Avukat Mifsud jintalab jispjega t-tibdil u l-implikazzjonijiet li jista' ikollu waqt seduta tal-Kunsill.

12.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 13.1. Attrezzar tal-Librerija Pubblika (L/4/Vol III)

13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li jeħtieġ jiġi pprovdut *printer* għal-librerija pubblika u jiżdied l-ixkaffar.

13.3. Il-Kunsill aċċetta l-proposta bl-ispiża ssir mill-vot tal-librerija 3391.

## 14.1. Lezzjonijiet taż-żfin (E/3/1/8)

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li s-Sinjorina Josette Fenech mhux f'pożiżżjoni li tkompli tagħti lezzjoni taż-żumba u postha ser jieħdu is-Sur Ramon Farrugia.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Kompetizzjoni dwar il-kitba ta' poeżiji (K/7)

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li titnieda kompetizzjoni għat-tfal dwar il-kitba tal-poeżiji flimkien mal-Għaqda Poeti Maltin. Hija qalet li din tkun tagħlaq fl-ewwel nofs ta' Ottubru 2015.

15.3. Is-Sindku kkummenta li f'dawn it-tip ta' kompetizzjonijiet wieħed irid joqgħod attent li l-poeżija verament ikunu inkitbu mit-tfal.

15.4. Il-Kunsill appova din l-inizjattiva.

## 16.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol XIII)

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fl-okkażjoni msemmija ssir attivita` ta' divertiment għall-ommijiet residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa fid-9 ta' Mejju 2015 bejn it-3.30pm u l-4.30pm, billi jittellgħa program varjat minn kantanti li l-aktar jappellaw għall-anzjani.

16.3. Is-Sinjura Brincat Stellini ssuġġeriet li fl-istess okkażjoni ssir ħarġa għall-familja kollha fil-post magħruf bħala "L-Arka ta' Noe" fis-Siġġiewi, fejn wieħed jista' jara diversi annimali eżotiċi. Hija pproponiet li din issir fis-16 ta' Mejju 2015 wara nofsinhar.

16.4. Il-Kunsill approva ż-żewġ attivitajiet.

## 17.1. Tqegħid ta' *bins* fiż-żoni tal-ikkampjar (C/4/Vol IV)

17.2. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni għall-ammont ta' skart li qed jitħalla mxerred fiż-żoni tal-ikkampjar ġewwa Aħrax u għalhekk ippropona li jitpoġġew *bins* apposta.

17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-sitwazzjoni deskritta fil-minuta 17.2 hija waħda rejali, iżda meta fil-passat tpoġġew *bins*, dawn wara ftit ġew vandalizzata jew misruqa. Ghalhekk kien hemm ftehim sabiex tinkiseb stima fuq *bins* magħmulin b'tali mod li ma jkunux daqshekk vulnerabbli għall-vandaliżmu.

## 18.1. Tindif volontarju fir-Ramla tal-Bir (T/6/1/Vol III)

18.2. Il-Kunsillier D. Vella għarraf li fil-25 ta' Marzu 2015, ħaddiema mir-Ramla Bay Hotel għamlu tindif volontarju madwar l-istess lukanda fir-Ramla tal-Bir, fejn il-Kunsill ipprovda l-materjal meħtieġ biex din l-inizjattiva kienet possibbli.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 19.1. Restawr tal-Fortizza tas-Salib (R/2)

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta tad-30 ta' Settembru 2013 fejn kien ġie diskuss is-suġġett t'hawn fuq. Huwa kkummenta li l-intervent min-naħa tal-Kunsill baqa' ma sarx, minkejja li kienet ittieħdet deċiżjoni.

19.3. Is-Segretarju wieġeb li l-flus intefqu biex sar tindif ġewwa l-fortizza, li fil-fatt il-Kunsill ġie nfurmat dwaru wara li sar ix-xogħol.

19.4. Is-Sindku kkummenta li kien hemm somma allokata għal dan l-iskop fl-Estimi 2014, filwaqt li l-ebda fondi ma' ġew ivvutati għal dan il-għan fil-*budget* 2015.

## 20.1. Programm ta' attivitajiet kulturali (A/5/5/Vol VII)

20.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li fis-7 ta' April 2015 huwa sejjaħ laqgħa mal-għaqdiet li normalment ikunu nvoluti f'attivitajiet kulturali. Kompla jgħid li l-attendenza min-naħa tal-għaqdiet kienet waħda fqira.

20.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jista' jagħti l-fatt li ż-żmien bejn meta waslet l-istedina bil-posta sa meta kellha ssir il-laqgħa kien qasir ħafna.

20.4. Is-Sur C. Bartolo qal li dawk preżenti ġew infurmati li l-programm ta' attivitajiet kulturali tal-Kunsill bejn Mejju u Settembru 2015 ser ikun kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 29-31 ta' Mejju | Mellieħa *Music Festival* |
| 25 ta' Ġunju | Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ |
| 3, 10,17 u 24 ta' Lulju | Arti fil-Misraħ |
| 30 ta' Lulju | Jum il-Kunsill |
| 31 ta' Lulju, 1 u t-2 ta' Awwissu | Iljieli Melleħin |

Huwa spjega li l-attivita` li soltu ssir flimkien mal-Mellieħa *Youths* fl-ewwel Ħadd ta' Mejju kellha titneħħa mill-programm, peress li l-istess għaqda ser tkun inpenjata fuq inizjattiva oħra, bil-possibilta`li tieħu sehem f'attivitajiet oħra tal-Kunsill li jiġu aktar tard.

20.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**21.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriza 2015 (F/1/7/Vol III)**

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li d-Dipartiment tal-Kummerċ reġa ħareġ sejħa sabiex isiru nominazzjoni għall-premjijiet imsemmija. Huwa qal li ssejħet laqgħa ta' informazzjoni mill-istess Dipartiment. Is-sejħa tagħlaq fis-27 ta' April 2015 u ser tkun qed tittressaq applikazzjoni għab-bażi tal-inizjattivi li attwalment qed jittieħdu.

21.3. Il-Kunsill approva l-azzjoni proposta.

**22.1. Skema ta' Restawr għall-Kunsilli Lokali (R/2/Vol II)**

22.1. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali – l-Onor. Owen Bonnici – nieda skema li ser tagħti lill-Kunsilli Lokali l-opportunita` li jidentifikaw siti fil-lokalitajiet tagħhom li jeħtieġu restawr. L-iskema ser tiftaħ fl-1 ta' Mejju 2015 u tagħlaq fl-aħħar ta' Ġunju. Wara li jintefgħu l-applikazzjonijiet ser ikun hemm bord li jagħżel il-proġetti li għandhom jingħataw priorita`. Il-Ministru semma' li r-restawr jista' jinvolvi: niċeċ fuq barra, funtani, statwi tal-ġebel, monumenti, faċċati ta' binjiet importanti, kappelli fil-kampanja jew oħrajn, torrijiet qodma u faċċati ta' bini antik u ta' valur storiku. Jistgħu jiġu proposti sa massimu ta' proġett wieħed taħt din l-iskema.

22.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2015 fis-7.15pm.

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |